# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Marzu, 2016**

**Talba Nru: 402/2015/VG**

**GO p.l.c.**

**Vs**

**Fincapital Limited [C-43267]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fis-26 ta' Mejju, 2015** u li permezz taghha talbet lis-socjeta ntimata thallasha s-somma ta' tmien mija wiehed u sebghin euro u erbgha u disghin centezmi ta' euro [€871.94c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi s-socjeta konvenuta ghandha taghti lis-socjeta attrici s-somma ta' tmien mija u wiehed u sebghin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€871.94c) in konnessjoni ma' servizzi ta' internet fuq 21378464 (AC40138328).

> Illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra s-socjeta konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.
>
> Bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 894/14, u bl-imghaxijiet legali sa mil-14 ta' Mejju 2014, data tal-imsemmija ittra ufficjali".

Ra li s-socjeta ntimata giet debitament notifikata skont ic-*certificate of service* (fol. 23) fit-28 ta' Lulju, 2015 u li baqghet ma resqet l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha x-xhieda ta' Simone Wightman, rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti, li kkonfermat li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti fit-Talba ghadu dovut fl-intier tieghu mis-socjeta intimata.

Ra li Dr. Keith Grech ddikjara li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' tmien mija wiehed u sebghin euro u erbgha u

disghin centezmi ta' euro [€871.94c] in konnessjoni ma' servizzi ta' internet fuq 21378464 (AC40138328) moghtija minnha lis-socjeta intimata.

Ikkunsidra;

2. Simone Wightman, rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti, kkonfermat bil-gurament taghha llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mis-socjeta ntimata.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

> *(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*
>
> (a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

> *Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*
>
> *(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew

le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, is-socjeta intimata giet debitament notifikata skont ic-*certificate of service* (fol. 23) fit-28 ta' Lulju, 2015 u li baqghet ma resqet l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal minnha ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimata.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta ntimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' tmien mija wiehed u sebghin euro u erbgha u disghin centezmi ta' euro [€871.94c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali numru 894/14 datata 14 ta' Mejju, 2014 (fol. 8), sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, inkluz dawk indikati fit-Talba, huma a kariku tas-socjeta ntimata.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**